**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 13 ta' Jannar 2016**

**App. Nru. 418/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Tanti**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Anthony Tanti detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 772755(M) talli fil-5 ta' Ottubru 2011 għall-ħabta tad-09:30hrs f'Mgarr Road, Mgarr:

(1) bħala sid ta' vettura Nru. KAQ-843 naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien licenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);

(2) ġiegħel, ħalla jew ippermetta lil Reuben Azzopardi jsuq vettura Nru. KAQ-843 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) bħala sid tal-imsemmija vettura Nru. KAQ-843 naqas li jara li kienet fi stat tajjeb ta' tiswija.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Anthony Tanti jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Ottubru 2013 fejn dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Tanti ħati ta' l-imputazzjonijiet kif miġjuba u kkundannatu multa ta' €2,600 u ordnat l-iskwalifika tas-sewqan tiegħu għal żmien sena;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Tanti ppreżentat fil-11 ta' Ottubru 2013 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar ghal kollox is-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull-imputazzjoni u piena.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Anthony Tanti hu fis-sens illi għalkemm il-fatti per se meritu ta' dan il-każ ma humiex kontestati fil-maggior parti tagħhom bħala tali, pero` l-istess fatti ma jwasslux għal responsabbilita` legali fil-konfront ta' l-imputazzjonijiet maħruġa kontra tiegħu. L-appellant jissottometti:

> "1. Il-vettura kienet inxtrat mill-appellant mhux biex tintuza minnu fit-triq u/jew biex issir propjeta' tieghu izda bhala persuna fin-negozju tas-*second hand*; din kienet giet akkwistata ghal-skopijiet ta' *re-sale*. Fil-fatt it-trasferiment bejn is-sid precedenti Azzopardi u l-appellant kienet giet registrata bhala tali mad-Dipartiment tal-ADT kif tajjeb xehed l-ufficjal ta' dan l-ufficju. In vista tal-premess ghalhekk ma kienx hemm il-htiega legali li l-licenzja relattiva tinsab aggornata. Konsegwentement ghalhekk l-ewwel akkuza ma treggix.
>
> "2. Illi l-vettura instaqet fit-triq mir-rapprezentat tal-appellant bil-pjanci tat-Trial Run Numru 52 li tinsab intestata fuq isem l-istess appellant. In vista ta' dan ghalhekk, is-sewqan in kwistjoni kien debitament kopert bl-assikurazzjoni mehtiega dwar riskji ta' terzi persuni skond kif stipulat fil-ligi dwar il-pjanca tat-Trial Run u inoltre kif spjegat u elaborat ahjar fix-xhieda li ta l-ufficjal tal-ADT, xhud tal-istess prosekuzzjoni. In vista tal-premess ghalhekk, anke t-tieni akkuza ma treggix legalment.
>
> "3. Illi l-vettura kienet instaqet mill-garage tal-appellant sa ghand il-garage tal-mechanic ghall-iskop sabiex jigu rimedjati in-nuqqasijiet li kellha u li dakinhar tal-incident fil-fatt kienu gew riskontrati mill-ufficjali tat-trasport. Illi l-vettura nxtrat mill-appellant minghand Azzopardi fi stat mhux tajjeb ta' tiswija bil-patt miftiehem bejniethom li s-sid precedenti kellu jirrimedja tali nuqqasijiet. Illi ghalhekk meta din giet spezzjonata mill-ufficjali tat-trasport fid-data tal-incident in kwistjoni, l-appellant kien propja fil-process li jassikura li l-vettura in

kwistjoni tigi reza fi stat tajjeb ta' tiswija u mhux li naqas jiehu hsieb l-istess kif jinsab imputat. Illi ghalhekk anke din it-tielet akkuza ma kellhiex tirrizulta.

> "4. Illi ghar-rigward l-ordni ta' skwalifika moghtija mill-Ewwel Qorti kontra l-appellant, jinghad li rrizulta wkoll mill-provi mhux kontestati li l-appellant bhala *dealer* tal-vetturi *second hand* ikollu bzonn senz'altru l-licenzja tas-sewqan stante li s-sewqan tal-vetturi jifforma parti integrali u ezzenzjali tan-negozju tieghu u liema negozju huwa l-uniku dhul tieghu li biha jghajjex lilu nnifsu u lil familja tieghu. Illi ghalhekk jisthoqq tassew u jezistu l-elementi kollha relattivi ai termini tal-Artikolu 30(2) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tali ordni ta' skwalifika tigi mhassra ghal kollox."

**6.** Qabel xejn din il-Qorti tosserva illi meta eżaminat is-sentenza appellata, sabet illi ma ġewx ċitati l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom l-ewwel Qorti kienet qed issib il-ħtija. Din hi kwistjoni li timpingi fuq il-validita` o meno tas-sentenza appellata, tista' titqajjem, kif sejra titqajjem, minn din il-Qorti *ex officio*.

**7.** L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali fil-fatt jiddisponi hekk:

> **"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

**8.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ddikjarat lill-appellant (allura imputat) ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu iżda ma rreferiet għal ebda artikolu. Kull ma tgħid s-sentenza appellata hu: "Rat l-Artikoli tal-Liġi". F'dawn iċ-ċirkostanzi s-sentenza appellata tirriżulta difettuża minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla.

**9.** Għaldaqstant din il-Qorti qed tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, sejra tgħaddi biex tiddeċiedi l-każ fuq il-mertu.

**10.** Issa, mill-provi jirriżulta illi fil-5 ta' Ottubru 2011, *enforcement officers* ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport kienu qegħdin Mġarr Road, Mġarr fejn kienu qegħdin iwaqqfu xi trakkijiet u jiżnuhom. Fost dawn it-trakkijiet kien hemm it-trakk KAQ-843 li kien misjuq minn ċertu Reuben Azzopardi. Dan Azzopardi kien biegħ it-trakk lill-appellant li jaħdem bħala *car-dealer* u li kien intenzjonat jerġa' jbiegħu. It-trakk kien mgħobbi bil-*bricks*. Skond l-appellant u Reuben Azzopardi, ir-raġuni kienet peress illi l-*high-up* kien bil-ħsara u allura ma setax jinħatt. Azzopardi kien sejjer għand il-mekkanik biex isewwi l-*high-up* peress illi dak kien il-ftehim ma' l-appellant. Mhuwiex kontestat illi t-trakk ma kellux liċenzja mħallsa. Iżda bħala *car-dealer* l-appellant kellu *Trial Run plates* li meta

vettura reġistrata miegħu għal *re-sale* tkun se tinstaq fit-triq iridu jitqiegħdu waħda fuq quddiem u l-oħra fuq wara. Ir-Regolament 36(3) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Avviż Legali 198/2009 – L.S. 368.02) difatti jipprovdi:

> **"Għandhom jintużaw żewġ pjanċi *'Trial Run'*, waħda fuq quddiem tal-vettura u l-oħra fuq in-naħa ta' wara tal-vettura".**

**11.** Fil-każ in eżami l-Enforcement Officer Raymond Cini xehed li t-trakk ma kellux it-*Trial Run plates* u illi sar kuntatt ma' l-appellant li ġie fuq il-post b'dawn il-*plates*. Reuben Azzopardi xehed li l-*plates* kienu fuq is-*seat*. L-appellant xehed li l-*plates* kien tahom lil Azzopardi qabel ma telaq mill-garaxx tiegħu. Issa, jekk verament il-*plates* kienu fuq is-*seat*, dan ifisser illi ma ġiex osservat ir-regolament fuq imsemmi. Ma hi l-ebda difiża ta' l-appellant li hu ta l-*plates* lil Azzopardi. Huwa kellu joqgħod attent li Azzopardi juża tali *plates* kif suppost.

**12.** Inoltre r-regolament 36(7) ta' l-imsemmijin Regolamenti jipprovdi:

> **"Pjanċi *'Trial Run'* ma għandhomx jintużaw ħlief għal traġitt bi prova jew għal skopijiet ta' ttestjar."**

F'dan il-każ it-trakk ma kien qiegħed jinstaq għall-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet iżda sabiex "jittieħed għand il-mekkanik".

**13.** Mix-xiehda tar-rappreżentant ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport, Karen Cremona, jirriżulta li t-trakk ma kellux il-liċenzja mġedda. Imbagħad minn imkien mill-provi prodotti, la mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza ma jirrizulta li l-appellant kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Skond l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104: **"Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)."** L-appellant la wera ċertifikat u lanqas ma pproduċa xi rappreżentant ta' soċjeta` assikuratriċi biex jgħid illi kien hemm polza valida, anke f'ċirkostanzi fejn it-*Trial Run plates* ma kinux imwaħħlin skond il-liġi. Konsegwentement l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jirriżultaw.

**14.** Kwantu għat-tielet imputazzjoni, din tirriżulta mix-xiehda ta' l-*Enforcement Officer* Raymond Cini li ndika numru ta' difetti: *brake lights, left rear stud missing, studs* tar-roti neqsin, uħud mit-*tyres* lixxi, u *ball joint* ta' quddiem.

**15.** Kwantu għall-piena, b'referenza għat-talba għall-iskwalifika tal-liċenzja, wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u wara li rat l-

artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, tqis li hemm raġunijiet speċjali sabiex din it-talba ma tintlaqax.

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi ssib lill-imsemmi Anthony Tanti ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u, wara li rat l-artikolu 3(1)(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolamenti 14(3) u 44(7)(a) tal-L.S. 368.02, u r-regolament 126 tal-L.S. 65.11, tikkundanna lill-istess Anthony Tanti għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500).